MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 04 – 4 Leġiżlatura**

**L-Erbgħa 09 ta' Marzu 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.00 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Viċi Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sa Christine Dalli |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 04.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

04.1.1 Il-President informa li rċieva ittri ta' apoloġija mis-Sindki ta' Birżebbuġa u tal-Marsa fejn taw ir-raġuni għaliex ma setgħux jattendu.

04.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija b'mod unanimu.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

04.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tat-tielet (03) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

04.2.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Josef Masini Vento, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 04.3 Komunikazzjoni mill-President;

**-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)**

04.3.1 Il-President ħabbar li fil-jiem li għaddew, id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali approva l-eliġibbiltà tal-persuna li ngħatat l-ewwel preferenza mill-bord tal-għażla sabiex timla l-post vakanti ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fl-amministrazzjoni tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Il-persuna ngħatat l-approvazzjoni anke mill-Jobsplus, għaldaqstant issa jista' jitkompla l-proċess tal-ħatra għal din il-pożizzjoni. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

04.3.2 Il-Membri preżenti approvaw il-ħatra tal-persuna fil-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) b'mod unanimu.

**- Trasferiment tal-bini amministrattiv b'mod temporanju**

04.3.3 Il-President semma' kif fil-ġimgħat li ġejjin se jibda l-proċess tat-trasferiment tal-bini amministrattiv lejn iċ-Ċentru Parrokkjali b'mod temporanju ħalli jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet u t-tiswijiet meħtieġa fil-binja eżistenti. Dan se joffri serħan il-moħħ għas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati u l-persuni li jiġu jinqdew mis-servizzi offruti mill-Kunsill Reġjonali. Il-pjan hu li sa nofs April li ġej, l-operat kollu tal-Kunsill Reġjonali jimxi għal dan il-post b'mod temporanju. Sadanittant, fil-bini amministrattiv eżistenti għaddejjin studji fuq is-soqfa biex jiġi evalwat fejn jeħtieġ jinbidel u studju ieħor fuq il-pedamenti tal-parti fejn se ssir l-estensjoni tal-uffiċini.

**- Attività tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Kunsill Reġjonali**

04.3.4 Il-President irrefera għas-seminar li se jiġi organizzat mill-Kunsill Reġjonali b'rabta mat-tradizzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fir-reġjun u qal li dan se jsir fil-Juventutis Domus, Iż-Żejtun fid-09 ta' April 2022. Bħalissa għaddejjin il-preparamenti fuq l-organizzazzjoni u xogħol loġistiku marbut mal-attività. Il-President qal li se jkun hemm diskorsi u preżentazzjonijiet minn kelliema professjonali u dawn se jiġu ppubblikati fuq ktejjeb li se jitqassam waqt l-istess attività. Hu ħeġġeġ lill-Membri preżenti biex jippromwovu din l-attività u jmexxu l-kelma għax żgur se tkun esperjenza sabiħa għal dawk kollha li se jattendu.

**- Attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Kunsilli Lokali**

04.3.5 Il-President semma' kif il-preparamenti għall-attivitajiet li se jiġu organizzati mill-Kunsilli Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali għaddejjin ġmielhom. L-uffiċjal maniġerjali tal-kultura qed tikkoordina dawn l-attivitajiet flimkien mal-Kunsilli Lokali u jidher li se jkun hemm attivitajiet interessanti li se jkunu organizzati b'mod professjonali.

**- Kummenti**

04.3.6 Waqt il-ħin allokat għall-mistoqsijiet u l-kummenti, is-Sa Doris Abela staqsiet jekk l-uffiċjal maniġerjali għall-fondi tistax tassisti lill-Kunsill Lokali fil-proċess tal-applikazzjonijiet għal proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea jew sorsi oħra lokali.

04.3.7 Il-President wieġeb li iva, tista' tgħin. Anzi hi diġà qed tassisti lil diversi Kunsilli Lokali fit-tfassil u l-mili ta' applikazzjonijiet għal finanzjament minn fondi Ewropej u lokali. Kulma jridu jagħmlu l-Kunsilli Lokali hu li jagħmlu kuntatt mal-uffiċjal maniġerjali u jitolbu l-assistenza fejn meħtieġ, hu hi tkun tista' tiggwidahom skont il-każ.

## 04.4 Skeda ta' Pagamenti;

04.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 03/22A-1 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

04.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Charlo Mifsud u ssekondata mis-Sa Maria Magri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda ta' pagamenti msemmija.

## 04.5 Proċess tad-Devoluzzjoni tal-Bini Amministrattiv;

04.5.1 Il-President ħabbar li l-proċess tad-devoluzzjoni tas-sit fuq wara tal-bini amministrattiv fi Triq San Rafel, jinsab miexi sew, u matul il-jiem li għaddew, uffiċjali mill-Awtorità tal-Artijiet daħlu fil-post biex isiru pjanti ġodda. Bħalissa iċ-ċwievet jinsabu fil-Kunsill Reġjonali biex il-perit ikun jista' jispezzjona l-binja u s-soqfa tal-post. Il-post ilu snin abbandunat u

jeħtieġ li ssirlu manutenzjoni u xogħol strutturali ieħor biex jiġi konvertit f'post adattat biex jintuża bħala Tribunal Lokali.

## 04.6 European Voices Challenging Euroscepticism, Meeting III, Budapest;

04.6.1 Il-President irrefera għall-proġett European Voices Challenging Eurocepticsm u qal li t-tielet laqgħa se ssir f'Budapest, l-Ungerija mill-21 sal-24 t'April 2022 u hemm bżonn ta' żewġ Membri mill-Kunsill Reġjonali biex jitilgħu bħala parteċipanti. Ir-raba' laqgħa se ssir mit-23 sas-26 ta' Mejju 2022 f'Tessaloniki, il-Greċja, u għal din il-laqgħa se jkun hemm bżonn jitla' parteċipant wieħed. Hu talab lill-Membri sabiex jiddiskutu l-għażla tal-parteċipanti.

04.6.2 Il-Membri qablu li għat-tielet laqgħa jitilgħu l-President u d-Deputat President. Għar-raba' laqgħa, dawk il-Membri l-oħra li huma interessati għandhom jibagħtu imejl ħalli tintgħażel persuna minnhom.

## 04.7 Affarijiet Oħra;

**- Quarterly Financial Report Dec 2021**

04.7.1 Il-President ressaq ir-rapport finanzjarju għall-aħħar kwart tas-sena 2021 li ġie ċċirkolat minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant, ġie meqjus bħala moqri. Hu ta spjega tiegħu u qal li l-finanzi tal-Kunsill Reġjonali jinsabu f'qagħda tajba ħafna u l-proġetti li hemm ippjanati jistgħu jsiru bla ebda diffikultà finanzjarja. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

04.7.2 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapprt finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2021 b'mod unanimu.

**- Proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea**

04.7.3 Il-President semma’ kif l-uffiċjali maniġerjali bħalissa qed jiddiskutu modi differenti u jesploraw kif jistgħu jfasslu proġetti relatati mal-programmi HORIZON-CL2-2022-HERITAGE-01 u CERV-2022-DAPHNE li huma finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Dawn huma relatati mal-ambjent, il-kultura u l-qasam soċjali. Fl-applikazzjoni għal dawn il-proġetti, qed ikun ippjanat li jkunu inklużi numru ta’ Kunsilli Lokali mir-reġjun u possibilment anke entitajiet oħra governattivi.

## 04.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

04.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.21 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 07 ta’ April 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |